Il-Pittura tal-Knisja Parrokkjali u Kolleġġjata ta' Bormla

(is-sitt u l-aħħar parti)



kitba ta' Joseph R. Galt

F'din l-aħħar parti nkomplu nżuru postijiet oħra u mis-sagristija ż-żgħira nitilgħu t-taraġ li jeħodna lejn żewġ swali. L-ewwel waħda hija l-Awla Kapitulari u l-oħra tal-arkivju. Wara mmorru nżuru l-Oratorju tas-Ssmu. Kurċifiss li jinsab maġenb il-knisja, fi Triq l-Oratorju. Hekk inkunu rajna ftit ftit il-pittura li għandha din il-knisja u kif ta' qabilna ħadu ħsieb iżejnuha biex igawduha ta' warajhom.

L-Awla Kapitulari

Ftit huma dawk li xi darba jew oħra żaru l-Awla Kapitulari, sala sabiħa mibnija fl-1876. Din l-Awla Kapitulari l-ġdida, kienet il-post fejn jiltaqa' l-Kapitlu biex iżomm u jmexxi l-laqgħat tiegħu.

Għall-ewwel, meta l-knisja saret kolleġġjata, fl-1822, il-kapitlu kien jiltaqa' f'post ieħor magħrufa minna 'l-awla l-qadima' li tinsab hekk kif tidħol għat-taraġ tal-kampnar.

Mal-erba' ħitan naraw impittra bil-kuluri, direttament fuq il-ġebla, bosta stemmi li jimlew id-dawra kollha. F'post ċentrali tiddomina l-istemma tal-Kolleġġjata bil-motto "**Fangar non Flectar**", bil-Malti "**Nitfarrak iżda ma nċedix**". Fuq il-ġnub tagħha kemm imdawrin, fi tliet fillieri mal-ħitan, l-istemmi tad-dinjitarji u l-kanonċi. Taħt it-twieqi naraw erba' stemmi oħra kbar tal-papiet li kellhom rabta mal-Kolleġġjata. Dawn huma 1) tal-Papa Piju VII, li waqqaf il-knisja bħala kolleġġjata fl-1822; 2) tal-Papa

L-Awla Kapitulari



L-Arma tal-Kolleġġjata ta' Bormla

Piju VIII, li għaqqad il-parroċċa mal-kolleġġjata fl-1830; 3) tal-Papa Piju IX, li fl-1854 ipproklama d-domma tat-tnissil bla tebgħa ta' Marija; u 4) tal-Papa Piju X li fl-1905 ħareġ id-digriet għall-inkurunazzjoni tax-xbieha tal-kwadru titulari.

Is-saqaf tal-Awla Kapitulari, pittura ta' Ġużeppi Calì fejn hemm il-Beatu Piju IX u d-Duttur tal-Knisja l-Beatu Giovanni Duns Scotu, it-tnejn ibbeatifikati riċentement, flimkien ma' Santu Wistin.

Taħt it-twieqi naraw ukoll erba' skrollijiet impittra b'kitba bil-Latin. Kollha jitfgħu dawl fuq l-istorja ta' din il-kolleġġjata. Insemmu biss tnejn minnhom li jfakkru meta l-Isqof Paolo Alpheran de Bussan ikkonsagra l-knisja fl-1732 u meta fl-1911 il-Papa Piju X waqqaf il-festa ta' Marija Immakulata bħala kmandata (illum ma għadhiex kmandata). Il-pittura tas-saqaf hija xogħol fuq it-tila. Saret minn Gius. Calì meta pitter il-knisja (1884-85), u li qabel, din kienet fis-saqaf tal-kor sakemm fit-tletinijiet tas-seklu l-ieħor inbidlet ma' dik li hemm illum tal-pittur Taljan, Virigilio [Virginio] Monti. Din tirrappreżenta lill-Franġiskan Duns Giovanni Skotu, Santu Wistin u dinjitarji dutturi għorrief oħra tal-knisja, quddiem il-Papa Piju IX jiddikjara d-domma tat-tnissil bla tebgħa ta' Marija.

Naraw ukoll dokumenti u digrieti uffiċjali, is-sedji, il-bandalora taċ-Ċentinarju, xi ritratti ta' tifkira, fosthom tal-iskultur u disinjatur Abram Gatt (1863-1944) li tant għamel opri għall-Knisja.

Imiss sewwa mal-Awla Kapitulari hemm l-arkivju, il-post fejn jitrefgħu d-dokumenti uffiċjali tiegħu. Dawn iż-żewġ swali jinżammu msakkra biċ-ċwievet.

Uħud mill-armi li jinsabu mpittra fl-Awla Kapitulari

L-Oratorju tal-Kurċifiss u l-Pittura tiegħu

Issa mmorru nżuru l-Oratorju tas-Ssmu Kurċifiss, (magħruf ukoll tad-Duluri), li jinsab maġenb il-knisja. Dan tista' tasal għalih kemm mill-bieb prinċipali tiegħu, jew mill-kappellun tal-Kurċifss. Kien inbena bejn l-1731-1735 fuq pjanta ta' Giacomo Bianco flok id-djar li kienet xtrat il-fratellanza tas-Ssmu Kurċifiss. L-Isqof Paolo Alpheran de Bussan (1728-1757) qiegħed u bierek l-ewwel ġebla tiegħu f'Diċembru 1731. Mexxew ix-xogħol kollu l-Periti Mikiel u Silvestru Cachia. Ta' min ifakkar li l-fratellanza kienet

imwaqqfa uffiċjalment fil-parroċċa fl-1674 mill-Kardinal Alessandro Tanari, li ħareġ il-Bolla, imma diġà kienet teżisti sa mill-1634, taħt l-isem tal-Agunija ta' Sidna Ġesù Kristu. Il-konsagrazzjoni tiegħu saret f'Novembru, 1783 mill-Isqof Vincenzo Labini (1790-1807). (51 sena wara dik tal-parroċċa 1732 Mejju.) L-istemma ta' Alpheran narawha fil-għoli taħt it-troll tal-oratorju. Hawn insibu sala rettangolari bil-pilastri li fuqhom jistrieħ saqaf troll, b'erba' twieqi ovali biex idawluh u b'kappella fit-tarf b'altar wieħed bi prospettiva tal-irħam. L-oratorju hu mimli skultura b'simboli tal-passjoni. Hawn insibu f'niċeċ il-vari tad-Duluri, ir-Redentur, Kristu Mejjet u vari oħra tal-Ġimgħa l-Kbira. Kollha proprjetà tal-Fratellanza tal-Kurċifiss.

Pittura

Hawn ma nsibux aktar minn sitt xogħlijiet ta' pittura, kollha mpittra fuq it-tila. Il-kwadru titular huwa xogħol sabiħ tal-pittur Senglean Francesco Zahra (1710-1773). Dan jirrappreżentalna lil Ġesù Kristu Mejjet qed jitniżżel minn fuq is-Salib biex jiġi mogħti lil Ommu Marija Immakulata taħt is-Salib. Kienet lesta fl-1768 u ħadet post ieħor li kellha l-istess tema u li kienet fuq l-altar sa mis-sena 1739. Kienet tpittret minn Enrico Reno u għaliha kien tħallas 100 skud.

Il-pittura żgħira ovali li hemm fil-frontispizju u fiż-żewġ lunetti tal-ġnub ta' taħt il-kopletta huma wkoll ta' Francesco Zahra. Tagħhom Zahra kien tħallas 105 skudi. Dak tal-frontispizju jurina lill-Missier Etern bl-Ispirtu s-Santu fuq rasu rrappreżentat f'forma ta' ħamiema. Hemm żewġ pitturi li jirrappreżentaw xeni mill-passjoni ta' Kristu. Fil-lunetta tax-xellug għandna lil Kristu Msallab qed jiġi arbulat fil-preżenza ta' Ommu u San Ġwann. L-oħra tirrappreżenta d-difna ta' Ġesù.

Interessanti ħafna huma ż-żewġ kwadri l-oħra li jinsabu fil-ġnub tal-oratorju, biswit xulxin u għandhom rabta fit-tema tagħhom. Dak ta' fuq il-pulptu jurina lil Ġesù qed jaħsel riġlejn l-appostli qabel l-aħħar ikla Tiegħu magħhom, waqt li l-ieħor jirrappreżentalna l-aħħar ikla ta' Ġesù mal-Appostli, (it-twaqqif tal-Ewkaristija). It-tnejn huma xogħol il-pittur Francesco Salvetti. Ma' dawn ta' min isemmi l-erba' gruppi ta' statwi sbieħ; f'erba' niċeċ b'kolonni fuq il-ġnub tagħhom u bis-simboli tal-evanġelisti taħthom.

Lunetta li turi lil Ġesù msallab ta' Francesco Zahra li tinsab fl-oratorju tal-Kurċifiss.

Lunetta oħra li turi d-difna ta' Ġesù, pittura ta' Francesco Zahra.

Fihom hemm erba' waqtiet mill-Passjoni ta' Ġesù. Dawn huma: Ġesù fl-ort u anġlu; il-flaġellazzjoni tiegħu minn żewġ manigoldi; l-inkurunazzjoni tiegħu bix-xewk minn żewġ manigoldi; u Kristu mgħobbi bis-salib u l-Veronika. Kollha mnaqqxa b'sengħa kbira fil-ġebla Maltija, mill-iskulturi Paolo Zahra u Francesco Fabri bejn l-1740 u l-1741. Mad-dawra tal-Oratorju hemm is-seba' litografiji, kwadri, magħrufa b'tal-Via Matris.

Fuq il-ġnub hemm is-sedji – is-sedja taċ-ċelebrant u mad-dawra kollha l-bankun tal-fratelli u l-pulptu; kollha xogħol sabiħ fl-injam. Taħt l-oratorju hemm il-kannierja.

Minn ġewwa, l-oratorju huwa għaxqa ta' arkitettura. Faċċata tal-artal hemm il-gallarija tal-orgni; b'orgni li jidher qadim sew, mibni fis-seklu 18. Aktarx li hu l-uniku orgni ta' dan it-tip li għad baqa' hawn Malta.

Minbarra dawn il-kwadri nsibu l-fdalijiet ta' San Klement fil-mensa tal-artal u rħamiet ta' tifkira.

Xi Pittura Oħra – Mitlufa

Matul iż-żmien il-knisja tilfet xi wħud mill-pittura tagħha. L-awtur tal-ktieb 'Żvilupp tal-Qima lejn Marija Verġni Immakulata f'Bormla – 1949' jgħid li Dun Diego Ciantar isemmi fl-inventarju tiegħu, żewġ kwadri antiki li kienu meqjuma fil-Kappella l-qadima. Wieħed juri t-twelid ta' Ġesù Bambin u l-ieħor lil Sant'Elena. Achille Ferres ukoll, fil-ktieb tiegħu '*Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo* – 1866' isemmi tnejn oħra, wieħed l-inżul ta' Ġesù minn fuq is-Salib u l-ieħor ta' Marija Addolorata, żewġ kwadri li saru fuq xogħol ta' Mattia Preti (1613–1699) u li kienu fuq il-bibien tal-ġnub tal-knisja.

Isemmi ieħor tal-Madonna, xogħol ta' Mariano Rossi, li kien fl-Oratorju tal-Kurċifiss. Mill-pittura ta' Calì tlifna l-anġli li kien hemm fil-ġnub tat-twieqi tal-knisja meta tgħattew biex tpittru l-figuri bibliċi u ż-żewġ kwadri kbar li kienu tneħħew mis-saqaf tal-kappelluni biex tqiegħdu ta' Virgilio Monti. Dawk ta' Calì ma kinux instabu meta ġġarrfet bil-bombi tal-gwerra, id-dar ta' quddiem il-kampnar fejn kienu merfugħa. Forsi għad jinstabu. Ma' dawn hemm oħrajn.

Għeluq

Ippruvajt niġbor kemm stajt il-pittura li nsibu f'din il-knisja; kollha wirt ix-xjuħ tagħna u ta' dawk ta' żmienna. Din il-kitba hija b'tifkira u b'rispett lejn l-antenati tagħna u lejn dawk kollha li minn żmien għal żmien, dejjem ħadmu biex għanew dan it-tempju ddedikat lil Marija Immakulata.

Hu dmir tagħna u ħaġa xierqa li nibqgħu nafuh lil ta' qabilna, li bil-għaqal u l-ħidma tagħhom ħasbu fina biex ingawdu l-frott tal-kontribut tagħhom. Jixraq ukoll li mhux biss inkunu nafu min setgħu kienu u x'kien is-sehem tagħhom, iżda jħajruna nagħmlu bħalhom, ngħożżu dak li ħallewlna u nimitawhom.

Tmiem

Biblijografija

A.N., [Kan. Ġ. Cassar] – Żvilupp tal-Qima lejn Marija Immakulata f'Bormla, 1949.

A.N., [Kan. Ġ. Cassar] – Tifkira tal-festi Ċentinarji 1854–1954 u Ċinkwantinarji 1905-1955 li saru f'Bomla.

Calleja G. – The Works of Art in the Churches of Malta and the Governor's Palace Valletta – 1881.

Caruana Gatto – Malta Artistica Illustrata, parte 1 – Pittura, 1905.

Castagna P. P. – L-istorja ta' Malta bil-Gżejjer Tagħha – 1888.

Cospicua – 1954/1955

Ferres A. Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo – 1866.

G. Calì – Centenary Exhibition 1846-1946.

Galea Scannura G – Tagħrif storiku dwar il-knisja parrokkjali ta' Bormla, 1983.

Gatt J. R. – Leħen il-Banda San Ġorġ – 1985, 1986, 1988, 1989, 1990

Il-Berqa Nov. 1949; Ġunju–Lulju 1955.

Il-Karmelu – Lulju/Settembru 1981.

J. Nessuno/J. Green – Il-kwadru Teoloġiku tal-Immakulata Kunċizzjoni fil-Knisja ta' Bormla – 1958.

Leħen is-Sewwa – Diversi ħarġiet.

L-Immakulata – 1929.

Malta – 29.11.1884; 13.12.1884; Malta – 26.11.1929; 28.11.1930.

Malta Tagħna – 5.12.1903; Ġunju–Lulju 1905.

Marian Art During the 17th and 18th Century, ed. Mario Buhagiar Malta 1983.

Melita Historica, Vol. VIII, Nru 3, 1962.

Memorandum – Fratellanza tas-Ssmu. Kurċifiss, Bormla.

Portafoglio Maltese (Malta) – Ġunju-Lulju 1905.

Refalo Rapa J. – The Xagħra Monumental Church – 1969.

Risorgimento – 12.10.1896.

The Times of Malta – Nov. 1949; June-July–1955.

Ven: Arċikonfraternità tas-Ssmu. Kurċifiss Bormla, Tifkira tat-Tielet Ċentinarju 1634-1934, Malta 1939.

Zarb S.M & M. Buhagiar - St. Catherine of Alexandria, 1979.

Nota 1: Żieda mal-Ħames Taqsima – Bi żvista ħallejt barra l-kwadru tal-Madonna tal-Purità li hemm fid-daħla mill-kappellun ta' San Ġużepp għas-sagristija u li, għal bosta snin kien sotto kwadru fuq l-altar tal-kor. Ftit li xejn nafu dwaru.

Nota 2: Għat-taqsimiet l-oħra ara l-ħarġiet tas-snin – 2004, 2005, 2006, 2007, 2008.